

Brussell, 28 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13932/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0351(NLE)

JAI 1399
COPEN 371
EPPO 6
FIN 1166
GAF 24

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Ottubru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 565 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1696, fir-rigward tal-użu ta' vidjokonferenza għall-intervisti tal-kandidati

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 565 final.

Mehmuż: COM(2022) 565 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.10.2022
COM(2022) 565 final

2022/0351 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1696, fir-rigward tal-użu ta'
vidjokonferenza għall-intervisti tal-kandidati**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (“l-UPPE”) ġie adottat fit-12 ta' Ottubru 2017 u daħal fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 2017¹. L-UPPE assuma l-kompiti investigattivi u ta' prosekuzzjoni kkonferiti lill-Regolament fl-1 ta' Ġunju 2021. L-UPPE huwa responsabbli għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq quddiem il-ġustizzja tal-awturi u l-kompliċi ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li huma previsti fid-Direttiva (UE) 2017/1371² u ddeterminati mir-Regolament (UE) 2017/1939. F'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju Ċentrali tal-UPPE jikkonsisti, fost l-oħrajn, mill-Kap Prosekutur Ewropew u mill-Prosekuturi Ewropej.

L-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2017/1939 jirregola l-ħatra u t-tkeċċija tal-Kap Prosekutur Ewropew, li jinħatar bi qbil komuni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. F'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-għażla hija bbażata fuq sejħa miftuħa għall-kandidati, li warajha bord tal-għażla jfassal lista mqasra ta' kandidati kwalifikati li għandha tiġi ppreżentata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 jipprevedi wkoll li l-Kunsill għandu jstabbilixxi r-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla fuq proposta mill-Kummissjoni.

L-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2017/1939 jirregola l-ħatra u t-tkeċċija tal-Prosekuturi Ewropej. L-ewwel paragrafu tiegħu jirrikjedi li kull Stat Membru li jipparteċipa fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE jinnomina tliet kandidati li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fih. L-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939 jipprevedi li l-Kunsill jagħżel u jaħtar wieħed mill-kandidati biex ikun il-Prosekutur Ewropew tal-Istat Membru inkwistjoni, wara li jkun irċieva l-opinjoni motivata tal-bord tal-għażla msemmi fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939.

Fit-13 ta' Lulju 2018, il-Kunsill adotta, fuq proposta tal-Kummissjoni, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla³, li sussegwentement ġew emendati bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1008⁴. Fit-18 ta' Settembru 2018, il-Kunsill ħatar il-membri tal-bord tal-għażla⁵.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (“l-UPPE”) ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1-71.

² Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali, ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29-41

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 tat-13 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (“l-UPPE”), ĠU L 282, 12.11.2018, p. 8-12.

⁴ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1008 tad-9 ta' Lulju 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1696 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, ĠU L 221I, 10.7.2020, p. 1-2

⁵ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1275 tat-18 ta' Settembru 2018 li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939, ĠU L 238, 21.9.2018, p. 92-93

Fis-27 ta' Lulju 2020, il-Kunsill ħatar l-ewwel Prosekuturi Ewropej tal-UPPE⁶. F'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1117, inħatru tmien Prosekuturi Ewropej għal perjodu ta' tliet snin li ma jggeddidx mid-29 ta' Lulju 2020. Għalhekk se jkollhom jiġu sostitwiti bi tmien Prosekuturi Ewropej ġodda f'Lulju 2023. It-tmien Prosekuturi Ewropej se jinħatru f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2017/1939, li tinkludi seduta ta' smiġh quddiem il-bord tal-għażla.

F'konformità mar-Regola VI.2 tar-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla, il-bord tal-għażla għandu jisma' l-kandidati nnominati mill-Istati Membri għall-kariga ta' Prosekutur Ewropew. Jenħtieġ li s-seduta ta' smiġh ssir bil-preżenza fiżika. Fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika reċenti relatata mat-tifqigħa tal-COVID-19, jenħtieġ li jiġi ċċarat li s-seduta ta' smiġh tista' ssir ukoll permezz ta' vidjokonferenza fuq deċiżjoni tal-bord tal-għażla, jew *motu proprio* jew fuq talba tal-kandidat. Peress li l-istess regola dwar is-seduta ta' smiġh personalment tapplika għas-seduta ta' smiġh tal-kandidati għall-kariga ta' Kap Prosekutur Ewropew mill-bord tal-għażla skont ir-Regola VI.1, jenħtieġ li r-regola tal-aħħar tiġi emendata wkoll għal raġunijiet ta' konsistenza. Fiż-żewġ każijiet, jekk is-seduta ta' smiġh issir permezz ta' vidjokonferenza, jenħtieġ li l-bord tal-għażla jkun jista' jiddelibera permezz tal-istess mezz. Għal dan l-għan, hija xierqa kjarifika fir-Regola IV dwar id-deliberazzjonijiet tal-bord tal-għażla.

Għalhekk, l-għan ta' din il-proposta huwa li tiċċara li l-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 jista' jiddeċiedi li jwettaq l-intervisti tal-kandidati permezz ta' vidjokonferenza, li huma meħtieġa jew aktar effiċjenti meta s-seduti ta' smiġh personalment ma jkunux permessi jew rakkomandabbli, u jiddelibera permezz tal-istess mezz kif xieraq.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-UPPE ġie stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2017/1939, li ġie adottat abbażi tal-Artikolu 86 tat-TFUE. Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta għal emenda tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696, kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1008, il-Kummissjoni qed tikkonforma mal-obbligi tagħha skont l-Artikoli 14(3) u 16(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939. Din il-proposta se tippermetti t-tweqqif tal-proċeduri tal-għażla u tal-ħatra tal-Kap Prosekutur Ewropew u tal-Prosekuturi Ewropej b'mod effiċjenti. Din il-proposta hija għalhekk konsistenti ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva hija konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni li għandhom l-għan li jsaħħu l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939.

⁶ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1117 tas-27 ta' Lulju 2020 li taħtar il-Prosekuturi Ewropej tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, ĠU L 244, 29.7.2020, p. 18-20

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-emenda tar-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 tista' ssir biss mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni u għalhekk hija kompetenza esklużiva min-natura tagħha, li mhijiex soġġetta għall-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija limitata għal dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-oġġettivi proposti, u hija għalhekk konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Din il-proposta hija essenzjali biex jiġu żgurati l-effettività u l-legalità tal-proċeduri tan-nomina u tal-ħatra tal-Kap Prosekutur Ewropew u tal-Prosekuturi Ewropej.

- **Għażla tal-istrument**

L-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 jipprevedi li l-Kunsill għandu jstabbilixxi r-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla fuq proposta mill-Kummissjoni. Ir-regoli ta' ħidma ġew adottati permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696. L-għażla tal-istrument propost hija għalhekk meħtieġa mil-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-kwistjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Minħabba n-natura teknika ta' din il-proposta u l-impatt limitat ħafna tagħha, ma twettqux evalwazzjonijiet *ex post*, konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u valutazzjonijiet tal-impatt.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Minħabba n-natura ta' din il-miżura, ma hemm l-ebda ħtieġa għal pjanijiet ta' implimentazzjoni u monitoraġġ u lanqas għal arranġamenti ta' evalwazzjoni u rapportar.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jemenda r-regoli operattivi sabiex jiċċara li l-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 jista' jiddeċiedi li jwettaq is-seduta ta' smiġh tal-kandidati għall-kariga ta' Kap Prosekutur Ewropew u Prosekuturi Ewropej ukoll permezz ta' vidjokonferenza, jew *motu proprio* jew fuq talba tal-kandidat. L-Artikolu 1 jemenda ulterjorment ir-regoli ta' ħidma bil-ħsieb li jiċċara li, kull meta s-seduta ta' smiġh ta' kandidat issir permezz ta' vidjokonferenza, il-bord tal-għażla jista' jiddelibera wkoll permezz tal-istess mezzi.

Fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika reċenti, is-seduti ta' smiġh personalment jistgħu jiġu pprojbiti jew mhux rakkomandabbli. Għalhekk, billi tiċċara li l-bord tal-għażla jista' jisma' lill-kandidati permezz ta' vidjokonferenza u jiddelibera permezz tal-istess mezzi, din l-emenda għandha l-għan li tiżgura l-effiċjenza u l-legalità tal-proċeduri tal-għażla u tal-ħatra tal-Kap Prosekutur Ewropew u tal-Prosekuturi Ewropej.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1696, fir-rigward tal-użu ta' vidjokonferenza għall-intervisti tal-kandidati

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE")⁷, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696⁸ stabbiliet ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla għall-ħatra tal-Kap Prosekutur Ewropew u l-Prosekuturi Ewropej.
- (2) Il-punti 1 u 2 tar-Regola VI tar-regoli ta' ħidma jipprevedu li s-seduta ta' smiġh tal-kandidati għall-kariga ta' Kap Prosekutur Ewropew u Prosekuturi Ewropej għandha ssir personalment.
- (3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika reċenti, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-intervisti ta' daww il-kandidati mill-bord tal-għażla jistgħu jsiru wkoll permezz ta' vidjokonferenza fuq deċiżjoni tal-bord tal-għażla, jew *motu proprio* jew fuq talba tal-kandidat.
- (4) Il-mod li bih isiru l-intervisti, personalment jew permezz ta' vidjokonferenza, jista' jaffettwa l-prestazzjoni tal-kandidati. Il-bord tal-għażla għandu għalhekk jimmira li jiżgura trattament ugwali għall-kandidati meta jiddeċiedi li jwettaq l-intervisti permezz ta' vidjokonferenza.
- (5) Ir-Regola IV tar-regoli ta' ħidma ma jiċċarax jekk il-bord tal-għażla jistax jiddelibera permezz ta' vidjokonferenza. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li, meta l-intervista tal-kandidati ssir permezz ta' vidjokonferenza, il-bord tal-għażla jista' jiddelibera permezz tal-istess mezzi.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1696 tiġi emendata skont dan,

⁷ ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1.

⁸ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 tat-13 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE"), ĠU L 282, 12.11.2018, p. 8).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1696 huwa emendat kif ġej:

(1) fir-Regola IV, l-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

“Id-deliberazzjonijiet tal-bord tal-għażla għandhom ikunu kunfidenzjali u għandhom isiru *in camera*. Meta s-seduta ta' smiġh tal-kandidati ssir permezz ta' vidjokonferenza, il-bord tal-għażla jista' jiddelibera billi juża l-istess mezz ta' komunikazzjoni. Il-laqgħat tal-bord tal-għażla għandhom ikunu validi biss jekk ikunu preżenti minn tal-anqas disa' membri.”

(2) fir-Regola VI, il-punt 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Malli jirċievi l-applikazzjonijiet tal-kandidati, il-bord tal-għażla għandu janalizza l-applikazzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939, kif speċifikat ulterjorment fl-avviż ta' post battal. Il-kandidati li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għandhom jiġu esklużi mill-passi li jmiss tal-proċedura. Il-bord tal-għażla għandu jikklassifika lill-kandidati li jissodisfaw ir-rekwiżiti skont il-kwalifiki u l-esperjenza tagħhom, abbażi tad-dokumentazzjoni u l-informazzjoni provduti fl-applikazzjoni jew prodotti wara li ssir talba skont ir-Regola V. Il-bord tal-għażla għandu jisma' għadd suffiċjenti ta' kandidati minn fost l-ogħla klassifikati sabiex ikun jista' jstabbilixxi l-lista ristretta msemmija fir-Regola VII(1). Is-seduta ta' smiġh għandha ssir personalment jew, fuq deċiżjoni tal-bord tal-għażla, *motu proprio* jew fuq talba tal-kandidat, permezz ta' vidjokonferenza. Il-bord tal-għażla għandu jimmira li jiżgura trattament ugwali għall-kandidati meta jiddeċiedi li jwettaq l-intervisti permezz ta' vidjokonferenza.”

(3) fir-Regola VI, il-punt 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

Malli jirċievi n-nomini, il-bord tal-għażla għandu janalizzahom fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939. Il-bord tal-għażla għandu jisma' lill-kandidati nominati. Is-seduta ta' smiġh għandha ssir personalment, fuq deċiżjoni tal-bord tal-għażla jew fuq talba tal-kandidat, permezz ta' vidjokonferenza. Il-bord tal-għażla għandu jimmira li jiżgura trattament ugwali għall-kandidati meta jiddeċiedi li jwettaq l-intervisti permezz ta' vidjokonferenza.”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*